MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2007

Appell Kriminali Numru. 177/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Nazarenu sive Zaren Abela**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Nazarenu sive Zaren Abela talli fix-Xghajra, limiti ta' Haz-Zabbar, nhar il-Erbgha, 7 ta' Jannar, 2004, ghall-habta ta' xis-sitta u kwart ta' filghodu:

(1) Bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil A.B. minn Haz-Zabbar, liema persuna ghandha l-eta` ta hdax-il sena, kontra l-volonta` taghha, liema delitt sar bhala mezz

biex persuna tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;

(2) Bi vjolenza u b’eghmil zieni, ikkorrompa lill-imsemmija A.B., liema delitt sar bi hsara ta’ persuna li ma ghalqitx l-eta` ta’ tnax-il sena u liema delitt sar minn persuna li lilu, mqar jekk ghal xi zmien, ikun gie fdat il-minuri sabiex jiehu hsiebu, jindukrah jew izommu;

(3) Ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq l-istess minuri A.B.;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-10 ta’ Mejju 2006 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli addebitati lill-appellant (allura imputat) mill-Avukat Generali bin-nota tieghu tat-28 ta’ Marzu 2005, u cioe` l-artikoli 201(a), 203, 207, 383, 20 u 533 tal-Kodici Kriminali, ma sabitx lill-imsemmi Nazarenu sive Zaren Abela hati tar-reat taht l-artikolu 203(1)(a) u lliberatu minn kull htija taht dan l-artikolu u taht it-tieni imputazzjoni, sabitu hati taht l-artikolu 207 u ma applikatx l-artikoli 20 u 533 izda applikat l-artikolu 383, u kkundannatu ghall-piena ta’ prigunerija ta seba’ (7) xhur. Inoltre rabtet lill-istess Nazarenu sive Zaren Abela ghal zmien sena mid-data tas-sentenza appellata li ma jersaqx lejn il-vittma, ommha jew qarab vicini taghha taht obbligazzjoni ta’ mitt liri Maltin (Lm100);

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Nazarenu sive Zaren Abela pprezentat fid-19 ta’ Mejju 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti (1) tawtorizzah jipproduci dokument in sostenn tal-fatti esposti fir-rikors u partikolarment il-kundizzjoni medika tieghu u (2) kemm jekk tilqa’ din it-talba ommeno, tilqa’ dan l-appell fis-sens illi filwaqt ill tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabitu mhux hati ta’ l-ewwel zewg imputazzjonijiet u hati tat-tielet imputazzjoni, tirriformaha billi minflok tinfliggi l-piena ta’ seba’ xhur prigunerija, tvarja, tbiddel u timmodifika l-piena bill tinfliggi kwalsiasi piena ohra inqas li jidhrilha xierqa, idoneja u gusta jew taghti kull provvediment iehor li jkun jirrispekkja l-haqq u l-gustizzja li trid issir mieghu;

Rat ukoll ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali pprezentat fid-19 ta’ Mejju 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma u tibdel is-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f’dik il-parti fejn l-imsemmi Nazarenu sive Zaren Abela gie lliberat mill-ewwel imputazzjoni, izda sabitu hati skond it-tielet imputazzjoni, thassarha u tirrevokaha f’dik il-parti fejn illiberatu mit-tieni imputazzjoni tal-korruzzjoni tal-minorenni, u minflok, wara li jigu apprezzati mill-gdid il-provi, issib u tiddikjarah hati ta’ din l-imputazzjoni, u tinfliggi l-piena skond il-ligi, u ghal dan il-ghan, ghalhekk, tkabbar il-perijodu ta’ prigunerija inflitta kif ukoll l-ammont ta’ obbligazzjoni ai termini tal-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

<u>L-appell ta’ l-Avukat Generali</u>

Huwa opportun illi din il-Qorti tittratta l-ewwel ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali peress illi l-aggravju tieghu jirrigwarda l-fatt illi l-ewwel Qorti ma sabitx lill-imsemmi Nazarenu sive Zaren Abela hati tar-reat kontemplat fl-artikolu 203(1)(a), u cioe` r-reat ta’ korruzzjoni ta’ minorenni. L-Avukat Generali jghid illi l-gurisprudenza dwar x’forom diversi jistghu jiehdu *atti di libidine* hija vasta immens, pero` jhoss illi huwa bizzejjed li wiehed jaqra ghal darba darbtejn u jirrifletti fuq dak li qalet A.B. fid-deposizzjoni taghha. Jghid illi minn din ix-xiehda jirrizultaw atti libidinuzi cari daqs il-kristall, bit-tip ta’ bews li Abela ta lill-vittma u bil-mess tas-sider u kuxtejn. Ghalhekk isostni illi ghandu jsir apprezzament mill-gdid tal-provi u tinsab il-htija anke ta’ l-imputazzjoni ta’ korruzzjoni ta’ minorenni.

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa x-xiehda li tat il-vittma – li ghaliha qed issir referenza – u hi tal-fehma li ghalkemm l-atti li ghamel l-appellant jistghu generalment jitqiesu bhala *“lewd acts”*, f’dan il-kaz tant kienu tokkamenti fuggeski li l-

ewwel Qorti kellha ragun fic-cirkostanzi tikkonkludi li kienu “nieqsa mill-potenzjalita` korruttrici”. Ma jistax jinghad, minn dak li rat il-Qorti, li kien hemm korruzzjoni effettiva minhabba l-atti ta’ l-appellant, la ta’ dak il-hin u l-anqas li tista’ tavvera ruhha wara pero` b’referenza ghal dawk l-atti. Ghall-finijiet ta’ l-estremi tar-reat ta’ korruzzjoni ta’ minorenni, din il-Qorti fil-fatt tirreferi ghas-segwenti sentenzi taghha (jew tal-Qorti Kriminali meta din kienet tisma’ appelli mill-Qorti tal-Magistrati): **Il-Pulizija v. Kelinu Mifsud**, 8 ta’ Jannar 1955; **The Police v. Thomas Wiffen**, 8 ta’ Jannar 1996; **Il-Pulizija v. Andrew Bonnici**, 23 ta’ Jannar 1998; **Il-Pulizija v. Joseph Micallef**, 13 ta’ Novembru 1998; **Il-Pulizija v. James Demanuele**, 2 ta’ Ottubru 2000; **Il-Pulizija v. A.B.**, 11 ta’ Mejju 2005; u **Il-Pulizija v. John Buttigieg**, 12 ta’ Settembru 2005. Ghalhekk l-appell ta’ l-Avukat Generali qieghed jigi michud.

<u>L-appell ta’ Nazarenu Abela</u>

Dan l-appell huwa mill-piena li l-appellant Nazarenu Abela jqis bhala eccessiva u sproporzjonata ghas-segwenti ragunijiet:

*“L-esponent gie kkundannat ghal iktar mid-doppju tal-minimu kontemplat mil-ligi; u dan meta kemm il-vittma kif ukoll qrabatha hafru lill-esponent, kif irrelevant tajjeb l-ewwel Qorti f’paragrafu 45 tas-sentenza taghha.*

*L-esponent ghandu fedina penali prattikament netta (huwa ferm komprensibbli illi sewwieq tal-vetturi ghal diversi snin twal ikollu kontravvenzjoi tat-traffiku fil-fedina penali tieghu).*

*L-esponent huwa anzjan u jinsab taht  kura medika. Hu infatti jippossjedi certifikat mediku illi juri illi l-kaz odjern qieghed jezercita influwenza negattiva fuq sahhtu, tant illi qed ikollu ‘tension related symptoms’….*

*Donnha l-ewwel Qorti, fil-valutazzjoni tal-piena, tat importanza lill-‘hin ta’ meta sari r-reat u l-fatt li din it-tifla kienet ghal kollox wahedha max-xufier.’ Dan, bir- kollu,*

*apparti l-fatt illi ma jikkostitwixxix aggarvju fil-ligi, ma kellux jinghata l-piz u l-bearing li taghtu l-ewwel Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif spjegati aktar 'il fuq.*

*L-esponent ikkoopera bi shih ma' l-awtoritajiet kompetenti, tant illi rrilaxxja stqarrija illi tikkorrispondi pjenament mal-verzjoni moghtija mill-vittma.*

*Fl-istqarrija stess l-esponent iddeskriva kif kien ittantah id-demonju (vide paragrafu 9 tas-sentenza appellat) u sa minn dan l-istadju inizjali tal-proceduri wera rimors sostanzjali; izda cionoostante dan ma ttihidx in konsiderazzjoni mill-ewwel Qorti fil-valutazzjoni tal-piena minkejja illi huwa fatt illi, ai fini ta' piena, seta' jinghata importanza konsiderevoli.*

*Il-vittma A.B. ftit li xejn sofiret b'konsegwenza ta' dan l-incident; tant illi kif irrizulta mill-provi prodotti, hi ma kellha bzonn l-ebda attenzjoni medika b'rizultat ta' l-incident."*

Jibda biex jinghad illi in materja ta' piena, kif tajjeb jghid ukoll l-appellant, il-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1].

Fil-kaz in ezami l-piena, skond l-artikolu 207 tal-Kodici Kriminali, hi dik ta' prigunerija minn tliet xhur sa sena. Jigifieri l-piena nflitta mill-ewwel Qorti taqa' fil-parametri tal-ligi.

Meta l-ewwel Qorti giet biex tikkonsidra l-piena hija kkunsidrat "li l-vittma hafret lill-imputat kif ukoll li l-imputat ghandu fedina penali prattikament nadifa. Min-naha l-ohra, il-Qorti qed tikkonsidra l-hin ta' meta sar ir-reat u l-fatt li din it-tifla kienet ghal kollox wahedha max-xufier li kellu jwassalha l-iskola." Pero` mbaghad regghet

---

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

enfasizzat li kienet qed tasal ghall-piena ta' prigunerija ta' seba' xhur "stante l-mahfra" tal-vittma. Il-mahfra tal-vittma f'dan il-kaz ma twassalx ghar-rinunzja ta' l-azzjoni kriminali – kif sahansitra donnu ssuggerixxa d-difensur ta' l-appellant Abela waqt is-sottomissjonijiet orali – u din il-Qorti ma tara l-ebda raguni sabiex taghti aktar *weighting* lil din il-mahfra milli tat l-ewwel Qorti.

Hemm imbaghad il-fedina penali ta' l-appellant li tirrispekkja biss, tul medda ta' 38 sena, kontravvenzjoni tal-ligijiet tat-traffiku fi tnax-il okkazjoni. Din il-fedina penali wkoll ittiehdet in konsiderazzjoni mill-ewwel Qorti u din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tikkunsidraha ulterjorment.

Dwar il-fatt li hu anzjan u li ghandu stat ta' anzjeta` minhabba din il-kawza (ara certifikat mediku a fol. 192), l-anzjanita` mhix xi *bene placitu* biex persuna anzjana taghmel dak li trid hi. Anzi l-anzjanita` ghandha tfisser esperjenza tal-hajja u konoxxenza tal-konsegwenzi jekk tinkiser il-ligi. Fl-eta` tieghu l-appellant, kif jinghad bl-Ingliz, *"should have known better"*. Imbaghad jekk l-appellant ghandu bzonn ta' xi kura medika, m'hemm xejn xi jzomm milli din tinghatalu fil-habs.

L-appellant Abela jilmenta mill-importanza li tat l-ewel Qorti ghall-hin meta sar ir-reat u ghall-fatt li l-vittma kienet wahedha. L-ewwel Qorti kellha kull dritt tikkunsidra dawn il-fatturi. Forsi aktar importanti minn hekk pero` huwa l-fatt illi l-appellant, li dmiru kien li jwassal lill-vittma l-iskola, abbuza minn dik il-posizzjoni u mill-fatt li l-vittma kienet l-ewwel wahda li kien jghaddi ghaliha bil-mini-van biex jehodha l-iskola u minflok jghaddi minnufih ghat-tfal l-ohra kien l-ewwel jghaddi ghand it-tifla tieghu. Il-genituri li jibaghtu lit-tfal taghhom mat-trasport ghandhom ikollhom mohhhom mistrieh li x-xufier huwa persuna ta' kondotta tajba u li mhux se jabbuza mill-posizzjoni tieghu, apparti naturalment li jaghti l-attenzjoni kollha tieghu sabiex iwassalhom bla incident. Ta' l-ghemil tieghu ghalhekk l-appellant Borg irid issa jaghmel il-kontijiet.

L-appellant jirreferi wkoll ghall-fatt li kkoopera mal-Pulizija u ghall-fatt li wera rimors. Minn ezami ta' l-istqarrija ta' l-

appellant jirrizulta li huwa beda biex jipprova jimminimizza dak li kien ghamel, ghalkemm imbaghad fl-ahhar qal li dak kollu li qalet it-tifla waqt konfront mieghu kien minnu. Kwantu ghall-fatt tar-rimors, din il-Qorti kienet tkun sorpriza li kieku l-appellant ma weriex l-icken rimors ghall-atti tieghu. B'daqshekk pero` ma jfissirx illi l-piena nflitta mhijiex gustifikata.

L-appellant fl-ahharnett josserva li l-vittma ma kellhiex bzonn ta' attenzjoni medika. Kieku kien hekk, l-appellant ma kienx jinstab hati biss ta' attentat vjolenti ghall-pudur. Ghalhekk dan l-ilment huwa ghal kollox fieragh.

Tajjeb hawn li jitfakkar dak li jinghad f'**Blackstone's Criminal Practice 2004** citat b'approvazzjoni fis-sentenza fl-ismijiet **The Republic of Malta v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** tal-25 ta' Awissu 2005, fost ohrajn:

**"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in *Nuttall* (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will…be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, *though they may appear heavy to individual judges*' (emphasis added). Similarly, in *Gumbs* (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: *'…that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle."* Both Channell J in *Nuttall* and Lord Hewart CJ in *Gumbs* use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the**

**Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."** [2]

Fic-cirkostanzi ghalhekk u peress illi din il-Qorti tqis il-kaz bhala wiehed serju in vista tar-relazzjoni li kienet tezisti bejn l-appellant Abela fil-kwalita` tieghu ta' xufier tal-mini-van u l-vittma, ma tarax li huwa l-kaz li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti kif ezercitata f'dak li huwa l-*quantum* tal-piena karcerarja.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell ta' l-Avukat Generali, tichad ukoll l-appell ta' Nazarenu Abela u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier u, in vista ta' l-ordni maghmula mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha sabiex l-appellant jintrabat b'obbligazzjoni tieghu nnifsu skond l-artikolu 383 tal-Kap. 9, l-imsemmija obbligazzjoni ghandha ssir bil-mod infraskritt.

Fl-ahharnett, sabiex tigi protetta l-identita` tal-minuri koncernata, il-partikolaritajiet taghha u dettalji ohra li bihom tista' tigi identifikata m'ghandhomx jixxandru jew jigu pubblikati fuq il-media.

---
[2] Page 1695, para. D23.45

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------